# Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)

## Bħala Qorti ta` Ġudikatura Kriminali

**Maġistrat dottor Aaron M. Bugeja M.A. Law, LL.D. (*melit*)**

**Il-Pulizija**

**vs**

**Christopher Abela**

Il-Qorti rat l-imputazzjoni miġjuba kontra **Christopher Abela** ID186269M li permezz tagħha huwa ġie akkużat talli :

(a) "nhar 04.10.2013 ghal habta ta 01:30hrs gewwa Taboo Bar, Paola saret attivita' kummerċjali li qegħda f'żona urbata iggenerat storbju li nsemma minn barra tal-post li ikkawża sikkatura u disturb lill-ġirien bid-daqq ta' mużika b'live bands jew mużika amplifikata jew mezzi oħra bejn l-11:00 p.m. u d-9.00 a.m. tal-għada u bejn is-1.00 p.m u l-4.00 p.m. u dan bi ksur LS 441.07, it-Tieni Skeda Reg 13

(b) Kif ukoll talli fit-12.10.2013 ghal habta tas-02:30hrs zammejt l-istess stabbilement miftuh wara 01:00hrs u dan bi ksur ta LS441.07 it-Tieled Skeda, Taqsima II 03".

Rat l-atti tal-kawża;

Rat id-dokumenti u semgħet il-provi prodotti.

***Ikkunsidrat : -***

Illi f'dan il-każ il-Qorti għandha nuqqas ta' provi suffiċjenti li in bażi tagħhom tista' tasal biex tikkonkludi li l-Prosekuzzjoni ippruvat il-każ tagħha lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni.

# *Deċide*

Li għar-raġunijiet premessi qegħda ssib lill-imputat mhux ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu u tilliberah minn kull ħtija u piena dwarhom.

***Mogħtija fl-4 t'Ottubru 2016 fil-Qrati tal-Ġustizzja, Valletta.***

*Aaron M. Bugeja*